# ĦAL GĦAXAQ 400 Sena ilu



Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela HEL., Lic.D, B.A. (Hons)

- L-isem Ġużeppi kien jeżisti f'Ħal Għaxaq qabel dan sar parroċċa
- Fl-1575 kien hawn tliet knejjes f'Ħal Għaxaq
- Kienu jgħixu hawn madwar 250 persuna
- Ħal Għaxaq sar parroċċa fl-1626

## Ħal Għaxaq fiż-Żminijiet tan-Nofs

Fi żminijiet tan-Nofs Ħal Għaxaq kien bil-bosta iżgħar milli hu llum. Mil-lista tad-Dejma tas-sena 1419 jirriżulta illi f'dik is-sena ma kienux igħixu f'Ħal Għaxaq aktar minn 150 persuna. Kienu jgħixu mix-xogħol tar-raba u, ftit minnhom mis-sajd fid-daħla ta' Marsaxlokk. Kienu nies foqra, iżda li jħobbu lil Alla. Għas-Sagramenti kien ikollhom imorru fil-knisja ċkejkna ta' Santa Katerina, illum magħrufa bħala ta' San Girgor, fiż-Żejtun, li kienet ħafna iċken minn dik ta' llum, għaliex ġewwa Ħal Għaxaq ma kienet għadha teżisti ebda knisja. Kien biss fis-sena 1511, li ġo Ħal Għaxaq inbniet l-ewwel knisja żgħira, iżda din kienet għadha mhix paroċċa. Għaddew xi snin u fl-1530 ġew Malta l-Kavallieri ta' San Ġwann, li ġiebu magħhom ċerta prosperità, għaliex bdew joħolqu l-impjiegi għall-Maltin, ċerta difiża mill-attakki tal-furbani Misilmin, għaliex il-Kavallieri kienu suldati u baħħara, u kura mill-mard, għaliex kienu wkoll jieħdu ħsieb il-morda, tant illi malli waslu Malta, bnew sptar fil-Birgu, fejn illum hemm il-Monasteru ta' Santa Skolastika.




*Mappa tan-nofsinhar ta' Malta li saret fl-1565. Osserva lil Ħal Għaxaq (C. Asciak) bil-knisja tiegħu. Ara wkoll li l-knisja ta' Sta. Luċija kienet diġà teżisti.*

## Rapport ta' Mons. Pietru Duzina dwar Ħal Għaxaq

Bħall-bqija tal-Maltin, l-Għaxqin bdew bil-mod il-mod igawdu minn dan kollu, għalkemm mhux mill-ewwel. Tant illi huma wkoll bdew jagħmlu ħilithom biex jiddefendu, spalla ma


Cap.la Hasciach sub Par. S. Cathar-inae

Visitavit Ecc.am sub vocabulo S. Mariae de mense Augusti construct in cas. Hasciach qd distat p milliare cum dimidio a Cas. S. Catharinae, quae Ecc.a habet Altare, et pavimentum revolutum, et habet portas ligneas, caret Rectore, introitibus et omnibus alijs necessarijs, sed in die festivitatis tantum ex devotione vesperae et missa celebrantur, in qua potest decenter et honeste celebrari dummodo Altare ornetur, et necessarijs provideatur. et d congrua Ecc.a. Et ito D.nus mandavit Altare et pavimentum aptari et de debitis ornamentis provideri.

*Bidu tar-rapport taż-żjara ta' Mons. Pietru Duzina f'Hal Għaxaq fis-sena 1575*

spalla mal-Kavallieri, dawn il-gżejjer kontra l-qilla tal-għadu Tork fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Wara dik is-sena s-sitwazzjoni bdiet titjieb ftit, speċjalment meta l-Kavallieri ddeċidew darba għal dejjem li jibqgħu hawn Malta.

Fl-1575 **Mons. Pietru Duzina** ntbagħat mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Ruma biex jagħmel żjara pastorali f'dawn il-Gżejjer. Hu żar il-knejjes kollha ta' Malta, mhux dawk parrokkjali biss, u r-rapport li ħallielna ta' x'sab u ra kull fejn mar, hu mill-aktar interessanti għall-istorja Reliġjuża u Soċjali tal-Gżejjer Maltin. Ma kienx jonqos li jiġi Ħal Għaxaq ukoll. Naraw x'tagħrif tana dwar **Casale Hasciach.** "Hu żar il-knisja taħt it-titlu ta' Santa Marija tax-xahar ta' Awissu mibnija ġo Casale Hasciach, illi tinsab madwar mil u nofs bogħod minn Casale Santa Katarina. Din il-knisja għandha artal, paviment bil-ħsara u bibien ta' l-injam, iżda la għandha rettur, lanqas dħul finanzjarju, u lanqas ħwejjeġ oħra meħtieġa. Iżda f'jum il-Festa għal raġuni ta' devozzjoni, isiru l-Vespri u l-Quddiesa". Billi l-artal kellu bżonn ta' tiswijiet, il-Viżitatur Appostoliku kkmanda li qabel tibqa ssir il-Quddiesa darba fis-sena, l-artal kellu jiġi rranġat.

## Dużina jkompli jżur il-knejjes ta' Ħal Għaxaq

Fuq in-naħa tax-xellug tal-bieb ta' din il-knisja, Mons. Duzina żar knisja oħra ċkejkna, ddedikata lil **San Ġorġ,** li kienet saħansitra mingħajr bieb. Biex isiru hemm il-Vespri u l-Quddiesa nhar il-Festa ta' San Ġorġ, u biex jinxtegħel il-lampier, kienu ġew imħollija żewġ għelieqi ġewwa Birżebbuġa, li fl-1575 kienu mqabbla lil Masu Magro miż-Żurrieq, li kull sena kien jara li dawn l-obbligi jiġu sodisfatti. Mons. Duzina ordna lil dan Masu biex fi żmien xahar jagħmel il-bieb u kulma kien meħtieġ fil-knisja, u qabel isir hekk, kull ċelebrazzjoni marbuta magħha kellha ssir fi knisja oħra f'Ħal Għaxaq li kellha tiskir adattat. Mons. Duzina żar ukoll knisja oħra ddedikata lil Santa Marija, li fiha, ċertu Angelo Mangion kien jieħu ħsieb li ssir Quddiesa darba fis-sena, meta kienu jitqassmu wkoll l-ikel u l-inbid lil dawk preżenti. **Dawn kienu l-uniċi tliet knejjes li kienu jeżistu f'Ħal Għaxaq fis-sena 1575,** iżda tant kienu żgħar u foqra, li fihom kienet issir Quddiesa waħda biss darba fis-sena minn xi qassis li probabbilment kien iservi fil-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun.

## Manuskritt fl-Arkivju Parrokkjali

Imma mal-mixja tas-snin, il-qagħda tal-Għaxqin taħt il-Kavallieri baqgħet tmur dejjem għall-aħjar. Mons. Pietru Dużina, barra li ħallielna r-rapport interessanti li semmejna, **obbliga lill-Kappillani kollha ta' Malta u Għawdex iżommu bil-miktub rikordji tal-magħmudijiet, żwieġ u mwiet fil-parroċċi tagħhom,** u l-Kappillani komplew għenuna, għaliex kull darba, jew kważi kull darba, kienu jniżżlu f'liema parti tal-parroċċa tagħhom dawk li jiktbu dwarhom kienu joqogħdu. U bis-saħħa t'hekk **l-isem "Axac" jidher numru kbir ta' drabi bejn l-1581 u l-1626 fil-manuskritti tal-parroċċa ta' Santa Katerina.** Għaliex għażilt li nsemmi dawn is-sentejn? Għaliex kienet is-sena 1581, li għall-ewwel darba jissemma espressament Ħal Għaxaq fl-ewwel reġistru tal-magħmudija, u kienet is-sena 1626 meta Ħal Għaxaq ġie mgħolli għad-dinjità ta' parroċċa, indipendenti għal kollox miż-Żejtun.

## Twelid f'"Casale Axac" qabel dan sar parroċċa

Fit-18 ta' Frar, 1581, il-Viċi Kappillan Dun Anġelo Mallia għammed lil **Victoria,** bint Carmelo **Grego** (Grech) "**del casal axac**". Victoria kienet l-ewwel tarbija minn Ħal Għaxaq li l-magħmudija tagħha ġiet reġistrata. Minn dan l-ewwel reġisru jirriżulta illi minn madwar sittin tarbija li ġew mgħammda fil-parroċċa ta' Santa Katerina fis-sena 1581, **disgħa minnhom kienu minn Ħal Għaxaq** - l-oħrajn kienu minn Bisbut, Paqualino, Żabbar jew Ħal-Ġwann. Il-Kappillan mhux dejjem niżżel il-kunjomijiet tat-trabi iżda l-espressjoni "**del casal axac**' jew "**e cas. haxac**" hi dejjem ċara. Barra Grego niltaqgħu wkoll mal-kunjomijiet Habela (Abela), Bonavia u Caruana.

Fis-sena ta' wara, f'Ħal Għaxaq twieldu tmint itrabi, iżda l-varjetà tal-kunjomijiet tibqa' tiżdied. Hekk niltaqgħu ma' Tabuni (Tabone), Mallia u Bonnici. Mhux l-ewwel darba wkoll, li Ħal Għaxaq ma jissejjaħx "**casale**", iżda "**ville**", għalkemm ma nħossx li għandna nattribwixxu xi tifsira speċjali lil din il-kelma. Fl-1583 aħna ċerti li twieldu tmienja oħra f'Ħal Għaxaq, iżda jista' jkun li twieldu xi ftit aktar, għaliex spiss f'din is-sena ma narawx imniżżla minn liema parti tal-parroċċa t-tarbija kienet. Jiżdiedu l-kunjomijiet Haius (Agius), Saliba, Grima u Vella.

## Kunjomijiet barranin ġewwa Ħal Għaxaq

Ħaġa li tolqtok hi li nhar id-9 ta' Mejju, 1583, ġie mgħammed **Demetrius Axac,** minn Biscalin (Bisqallin), fl-istess parroċċa. Mela **l-kunjom Għaxaq** kien diġà jeżisti. Fis-snin ta' wara kompliet tiżdied il-varjetà tal-kunjomijiet Għaxqin. Hekk niltaqgħu ma' Mizzi, **Stafraġ** (Stafrace), **Spagnolo, Hellul** (Ellul), Dalli, **Scarpello, Cappello, d'Ancona, di Brancato,** u **di Marsiglia.** Ta' min josserva li ħafna minn dawn il-kunjomijiet huma ta' oriġini barranija, u dan ifisser li l-Għaxqin kienu diġà bdew jitħalltu ma' xi stranġieri li setgħu ġew Malta bis-saħħa tal-Kavallieri, għalkemm dan it-taħlit ma kienx daqshekk komuni bħalma kien fil-Belt Valletta u fil-Kottonera. Iżda min-numru ta' magħmudijiet kull sena jidher li, bejn wieħed u ieħor, sas-sena 1600 f'Ħal Għaxaq kienu joqogħdu madwar 200 ruħ.

Jidher li l-Għaxqin kienu jirrispettaw sewwa lil ċertu **Blasius Tabuni** li spiss kienu jagħżluh bħala parrinu fil-magħmudija ta' uliedhom. Barra minn hekk, il-Kappillan dejjem iniżżel "Mastru" (mgħallem) quddiem ismu. L-ismijiet tat-trabi jvarjaw ħafna, għalkemm s'intendi "Katarina" kien xi ftit popolari, għalkemm mhux daqs kemm tistennieh. Ovvjament, Ġorġ, kif kien hemm min isemmi, ifakkrek fil-knisja ta' San Ġorġ li semmejna. Il-Madonan tidħol ukoll f'ismijiet bħal "Marietta" u "Gratia". Popolari huma l-ismijiet ta' l-Appostli, bħal Pietru, Mattew, Ġakbu u Bartilmew.

## Żwiġijiet fil-knisja ċkejkna ta' Ħal Għaxaq

Mir-reġistru taż-żwiġijiet tas-snin 1581 u dawk immedjatament wara, nikkonkludu li l-knisja ċkejkna ta' Ħal Għaxaq kienet tintuża għas-sagrament taż-żwieġ. L-ewwel għarus minn Ħal Għaxaq li nafu bih kien **Jeronimo Caruana** li fit-18 ta' April, 1581, iżżewweġ lill-armla **Paula Bonnich** (Bonnici). Agata, "**figlia di Brandano Vella**", iżżewġet f'Ħal Għaxaq "**nelle ecclesia sub nomine Sanctae Mariae**", u fl-1582 Andria Vella "**di c. axac**" iżżewweġ il Francesca Spagnolo "**nella ecclesia del proprio casale**", u hekk għamlet Marietta Vella li żżewġet lil Antonio di Marsiglia "**alla ecclesia del medesimo casale axac**". Iżda naturalment iż-żwiġijiet ma kienux spissi daqs it-twelid, b'tali mod illi fis-sena 1600 tnejn biss mill-għarajjes kienu minn Ħal Għaxaq. Dan hu sinjal li juri li l-popolazzjoni kienet qed tikber bil-mod. L-istess ġara fl-1610, meta tnejn biss mill-għaxar żwiġijiet irreġistrati fil-parroċċa ta' Santa Katerina kienu minn Ħal Għaxaq. Biss jidher ukoll kuntatt ma' parroċċi oħra. Hekk, per eżempju Catherinella Grima "**di casal axac**" iżżewġet lil Bartholomeo Dalli "**del Sigiewi**" (Siġġiewi).

## Jidher l-isem Ġużeppi

Ir-reġistru ta' l-imwiet, bejn wieħed u ieħor, jagħtina l-istess indikazzjonijiet. Ta' min jinnota illi ħafna drabi fl-ewwel ftit snin il-Kappillan ma kienx iniżżel minn liema parti tal-parroċċa tiegħu kien il-mejjet, jew kienet il-mejta. Iżda aktar 'l quddiem beda jniżżel u naraw li, ras imb'ras, kienu jmutu qishom tnejn fis-sena minn Ħal Għaxaq. Nosservaw iżda xi kunjomijiet ġodda f'Ħal Għaxaq, bħal Camilleri u Zahra. **Hekk nhar it-**


Addi 30 Julij. 1613
Ho seppellito a Giuseppi Camilleri di cas. Axac

*Reġistrazzjoni tal-mewt ta' Ġużeppi Camilleri minn Ħal Għaxaq fit-30 ta' Lulju, 1613. "Ho sepellit": Jiena Dfint.*

**30 ta' Lulju, 1613, miet Ġużeppi Camilleri. Dan l-isem Ġużeppi deher aktar minn darba f'dak iż-żmien bikri, saħansitra qabel Ħal Għaxaq sar parroċċa fil-1626.**

## L-aħħar snin ta' rabta maż-Żejtun

Fis-sena 1600, minn tmenin magħmudija rreġistrati fil-parroċċa, tlettax minnhom kienu Għaxqin. Għal darb'oħra ninnotaw il-frekwenza ta' kunjomijiet ġodda, bħal Magro, Busuttil, Calleja u Sammut. Frekwenti wkoll huma l-kunjomijiet Taljani. Tagħrif ġdid tagħtina l-magħmudija taċ-ċkejken **Angelo Sammut** nhar is-7 ta' Mejju, 1600. Bħala parrinu Angelo kellu lil **Don Luca Bonnich**. Dan il-qassis kien il-Kanonku Kantru tal-Katidral ta' l-Imdina, u l-knisja ta' San Girgor, bil-ħafna artijiet tagħha, kienet il-prebenda tiegħu. L-arma tiegħu tidher fis-sagristija ta' l-istess knisja, u kien fi żmienu li ż-żewġ kappelluni tagħha ġew mibnija. **Jidher li l-familja Sammut minn Ħal Għaxaq kellha kuntatti ma' nies prominenti.** Għaddew xi snin u l-popolazzjoni ta' Ħal Għaxaq kompliet tikber xi ftit, hekk li mill-ġdid naraw żieda fil-kunjomijiet, bħal Mercieca u Bonello. Fis-sena 1625, l-aħħar sena qabel Ħal Għaxaq inqata' għal kollox miż-Żejtun, f'Ħal Għaxaq twieldu 17-il tarbija minn total ta' 64 reġistrati fil-parroċċa ta' Santa Katarina. Kienu jgħammdu l-Kappillan Dun Mattew Burlo' u l-Viċi Kappillan Dun Angelo Grech, li fil-Ħdud u l-Festi Kmandati kien iqaddes fil-knisja ta' Ħal-Għaxaq. Ġieli ukoll għammed **Dun Mattew Sciriha "nella chiesa del detto casale"**. Jidhru spiss ismijiet ta' parrini "**della città Vittoriosa.**"

## Ħal Għaxaq isir parroċċa

Kien wasal iż-żmien li Ħal Għaxaq isir parroċċa għalih, indipendenti miż-Żejtun. Fl-20 ta' Marzu, 1626, waqt li l-Isqof Balthasar Cagliares kien qed iżur il-parroċċa, numru ta' rġiel Għaxqin marru jkellmuh dwar il-ħtieġa li Ħal Għaxaq jiġi mgħolli għal parroċċa b'Kappillan li jkun residenti fil-post. Wieħed mill-argumenti li ġiebulu kien li bosta drabi n-nies ta' Ħal Għaxaq kienu jmutu mingħajr l-assistenza ta' saċerdot, li kien idum biex jasal Ħal Għaxaq miż-Żejtun. L-Isqof ma damx wisq biex qata' x-xewqa tagħhom, u hekk fit-**23 ta' April, 1626, Ħal Għaxaq sar parroċċa għalih.** Dan ma ġarax qabel miet Dun Mattew Burlò, Kappillan taż-Żejtun fil-11 ta' April, 1626. Ma kinitx użanza li l-Isqof jagħmel parroċċa ġdida qabel il-mewt tal-Kappillan tal-parroċċa li minnha l-parroċċa ġdida tkun ser tinqata'.

GĦAL KULL XOGĦOL TA' RITRATTI
IRRIKORRU GĦAND
GERALDU ZAMMIT
172, TRIQ TA' LORETU
GĦAXAQ
TEL:663471